Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2015

**Nancy Magro**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Il-kaz jitratta dwar decizjoni tal-intimat li biha ddecieda li r-rikorrenti ghandha thallas lura s-somma ta' €4,160.07 f'ghajnuna socjali u s-somma ta' €638.13 f'*allowance* tat-tfal ghall-perjodu bejn il-11 ta' Mejju, 2013, u l-4 ta' April, 2014.

2. B'decizjoni tad-19 ta' Jannar, 2015 l-Arbitru laqa' l-appell tal-appellanti wara li kkonkluda:

   *"Illi tenut kont illi l-prova quddiem l-Arbitru hi dik biss li nstabu hwejjeg ta' sess maskili fil-gwardarobba, l-istess Arbitru jhoss li dawn huma l-kundizzjonijiet li ghandu jwassal lill-appellati li qed tifforma 'a family unit'. Illi f'sentenza ohra tieghu dan l-Arbitru gja ddikjara illi l-kuncett ta' family unit iggib mieghu livell ta' cirkostanzi ferm oghla milli semplicement li jinstabu hwejjeg ta' ragel go gwardarobba. Illi ghalhekk wiehed isib effetti personali go residenza jista jkun indikattiv ta' certu lifestyle, l-Arbitru ma jhossux komdu jittimbra dan il-mod ta' ghejxien bhala a 'family unit'. In oltre jidher li mill-verzjoni tal-appellanti li r-relazzjoni taghha mal-persuna Nigerjana kienet wahda pjuttost kazwali".*

3. L-intimat appella fejn spjega li l-kaz tal-appellata jirrigwarda kaz fejn mir-rapport tal-ispetturi deher bic-car li l-appellata ma kinitx qed tghix wahedha izda li kellha ragel jghix maghha u ghalhekk din il-koabitazzjoni tohloq kwistjoni ohra dwar min hu l-kap tal-familja jekk l-appellata mhux qed tghix wahedha kif kienet iddikjarat mad-Dipartiment. Ir-relazzjoni li l-arbitru qed isejjah bhala kazwali ma hi kazwali xejn u dan jidher mill-fatt li mill-investigazzjoni li saret mill-ispetturi, irrizulta li dan ir-ragel hekk imsejjah 'Lucky' kien igib l-istess indirizz ta' dak iddikjarat mill-appellata fuq il-Karta tal-Identita' taghha u dan gie rifless ukoll fuq il-*Common Database* (CDB). Kif deher car mir-rapport tal-ispetturi rrizulta wkoll li din il-persuna kellha hwejjigha kollha ghand l-appellata. Minghajr ebda tigbid tal-immaginazzjoni,

dan juri bic-car li ghalkemm dak il-hin il-persuna ma nstabitx id-dar, il-fatt li kien hemm hwejjigha kollha u fuq il-karta tal-identita' hemm ukoll iddikjarat li qed tghix hemmhekk, ghandha tinghad bhala evidenza bizzejjed li tipprova li dik il-persuna qed tghix hemmhekk. Ta' min jghid li l-arbitru njora l-fatt li dak li kien is-sieheb tal-appellata kellu l-indirizz mertu ta' dan il-kaz iddikjarat bhala residenza tieghu fuq il-Karta tal-Identita' u fuq il-*Common Database;*

Illi kull applikant huwa obbligat bl-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 li jinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkostanzi ta' hajtu u dan precizament minhabba li jinholoq dan id-dubju li jipperikola l-intitolament tal-appellata ghall-beneficcji;

Illi peress li rrizulta li l-appellata ma kinitx il-kap tal-familja, id-direttur ghamel uzu mill-artikolu 102 tal-Kap. 318 li jipprovdi li kull persuna li tkun irceviet xi somma bhala beneficcju, pensjoni, *allowance*, jew ghajnuna taht dan l-Att li ma kelliex dritt ghalih skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandha thallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li taghtih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan. B'hekk id-Direttur gabar l-ammont kollu li nghata lill-appellata meta kien jidher li hi ma kinitx ghadha l-kap tal-familja;

Fir-rigward tal-*allowance* tat-tfal, importanti li jinghad li kull persuna li ghandha t-tfal, ghandha dritt ghal *allowance* tat-tfal; izda din l-*allowance* tinghata skont id-dhul tal-genitur/i. Mit-Taqsima VI tal-Erbatax-il Skeda, johrog bic-car li fejn l-oghla dhul stmat fis-sena jkun aktar minn €24,621, l-*allowance* tat-tfal tkun wahda fissa, jigifieri €8.65 fil-gimgha ghal kull wild. Izda fil-kaz tal-appellata, peress li hija kienet tircievi l-ghajnuna socjali, mid-Dipartiment tkun meqjusa bhallikieku m'ghandiex introjtu ghajr dik l-ghajnuna socjali u ghaldaqstant, il-ligi tipprovdi rata oghla ghal dawn il-persuni. Hija din ir-rata oghla li ser titnaqqas ghaliex meta l-appellata ma tinformax lid-Dipartiment bi bdil fic-cirkostanzi ta' hajjitha, id-Dipartiment ma jkunx jaf xi dhul qed tircievi u/jew ma' min qed toqghod, ma jkunx jista' jzomm monitoragg u ghalhekk jimxi bil-kawtela u ma jihux riskji. Kien ghalhekk li ttiehdet id-decizjoni odjerna mid-Direttur appellant fir-rigward tal-*allowance* tat-tfal;

Illi fid-dawl ta' dana kollu, id-Direttur irrileva li l-Arbitru mexa skont kif hass dak il-hin li huwa korrett izda ma mexiex skont il-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta, liema nuqqas wasslu ghal apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi migjuba quddiemu;

4. Jirrizulta li l-appellata nghatat l-ghajnuna socjali u *allowance* tat-tfal minhabba li kienet tifforma familja ghal rasha (ara definizzjoni f'artikolu 2 tal-Kap. 318).

5. L-ispezzjoni mill-ispetturi saret fl-1 ta' Novembru, 2013. Dakinhar fil-fond fejn tghix l-appellata nstabu kwantita' ta' hwejjeg tal-irgiel. Fir-rapport tal-ispetturi jinghad: *"…. li l-hwejjeg b'laqta ovvja maskili li konna ghadna kemm osservajna kienu jkopru l-istaguni kollha tas-sena u kienu ferm aktar minn bizzejjed sabiex jindikaw l-allogg permanenti ta' xi ragel f'din ir-residenza"*.

6. Wara li l-qorti qrat ir-rapport tistqarr li baqghet bid-dubju dwar jekk Lucky Opia kienx qieghed ighix mal-appellata. Dan meta tqies li fir-rapport jinghad li *"fl-ebda hin matul il-kors ta' din l-ispezzjoni ma nnutajna hwejjeg ta' taht illi setghu jikkumplimentaw l-abbiljament b'laqta maskili illi konna ghadna kemm osservajna"*. L-ispetturi ghamlu spezzjoni li dwarha ma jirrizultax li l-appellata kellha pre-avviz dwarha. M'hemmx dubju li l-ispetturi kellhom kull opportunita' li jaghmlu spezzjoni shih ta' dak li kien hemm fil-fond u ma jirrizultax li l-appellata kienet b'xi mod ostila lejhom. Ladarba ma nstabux hwejjeg ta' taht tal-irgiel, iqum dubju dwar kemm fil-fond kien qieghed ighix ragel mal-appellata. F'kaz ta' dubju l-qorti ma tarax li ghandha thassar id-decizjoni li nghatat mill-Arbitru. Inoltre', il-fatt li l-imsemmi ragel kien registrat li jghix fl-istess fond, ma jfissirx li dik hi prova li fiz-zmien in kwistjoni kien qieghed ighix f'dak l-istess fond.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.